MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2015

Rikors Numru. 149/2013

**Emanuel Falzon**

**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Emanuel Falzon** ipprezentat fl-4 ta' Settembru 2013 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"Illi dan ir-rikors tal-appell qiegħed isir mid-deċizjoni mogħtija mill-Bord ta' Rappreżentazzjonijiet tal-Awtorita` intimata datata 19 ta' Awwissu 2013 (Referenza tal-Kaz numru TM674/2013) li permezz tagħha gew michuda r-rapprezentazzjonijiet li kien għamel l-appellant u l-istess appellant giet imposta fuqu penali amministrattiva ta' 500 u 50 punti ta' penali minhabba ksur tar-regolament numru 42 tar-Regolamenti dwar Servizz ta' Garr ta' Passiggieri.*

*Illi fil-konfront tal-appellant kien inhareg Avviz datat 24 ta' Lulju 2013 permezz ta' liema giet inflitta fuqu penali amministrattiva ta' 500 u 50 punti ta' penali minhabba ksur tar-regolament numru 42 tar-Regolamenti dwar Servizz ta' Garr ta' Passiggieri.*

*Illi l-appellant ressaq rapprezentazzjonijiet sabiex jispjega ghaliex huwa ma kellux jinstab hati ta' ksur tal-imsemmija Regolamenti izda tali rapprezentazzjonijiet gew michuda.*

*Illi ghalhekk kellu jigi ntavolat dan l-appell.*

*Illi l-appellant itenni illi m'huwiex korrett dak li gie akkuzat bih fis-sens illi fid-29 ta' Gunju 2013 f'Tower Road, Sliema ghall-habta ta' 23.55 hrs huwa haddem il-vettura tieghu tal-ghamla minibus bin-numru ta' registrazzjoni GMY-065 "regolarment ghall-kiri". Il-fatti tal-kaz huma illi dakinhar l-appellant ghabba persuna ta' nazzjonalita` Maltija (Mario Borg (ID: 180960M) ta' Marquita Court, Flat 7, Triq Guze Howard, Sliema) u xi studenti barranin illi kienu kkuntrattaw minn qabel is-servizz ta' minibus u ghall-konvenjenza taghhom huwa gabarhom minn fejn kienu talbu huma u cioe` biswit it-Tower Palace Hotel fejn incidentalment hemm bus stop fil-vicinanzi.*

*Illi l-appellant gabar dawn il-persuni minn fejn kien gie miftiehem minn qabel u l-fatt li fil-vicinanzi hemm bus stop huwa kompletament incidentali u irrilevanti ghaliex dawn il-persuni ma kienux qed jistennew l-Arriva tghaddi izda kienu qed jistennew is-servizz tal-appellant li huma kienu diga' kkuntrattaw minn qabel, u dan kif se jigi ampjament ippruvat.*

*Illi ghaldaqstant l-appellant assolutament ma kienx qieghed 'ihaddem il-vettura tieghu regolarment ghall-kiri' kif gie akkuzat li ghamel u ghalhekk dan l-appell jimmerita li jigi akkolt.*

*Ghal dawn il-motivi l-appellant, filwaqt li jgib is-suespost a formali konjizzjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal u filwaqt illi jirrizerva d-dritt illi jressaq provi u jaghmel sottomissjonijiet ulterjuri, kemm orali u kif ukoll in iskritt, u b'rizerva ta' kull procedura gudizzjarja ohra li talvolta l-appellant jidhirlu li ghandu jistitwixxi in salvagwardja tad-drittijiet u l-interessi tieghu, jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jirrevoka d-decizjoni moghtija mill-Awtorita` appellata datata 19 ta' Awwissu 2013*

*(Referenza tal-Kaz Nru. TM674/2013) li permezz taghha giet imposta fuqu penali amministrattiva ta' 500 u 50 punti ta' penali minhabba ksur tar-regolament numru 42 tar-Regolamenti dwar Servizz ta' Garr ta' Passiggieri, bl-ispejjez kollha kontra l-Awtorita` appellata."*

Ra r-risposta ta' l-**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**ipprezentata fil-25 ta' Settembru 2013 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"Illi d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' Rappresentazzjonijiet tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta tad-19 ta' Awwissu 2013 ghandha tigi konfermata stante illi hija wahda gusta u timmerita konferma.*

*Illi in oltre, minn imkien ma jirrizulta illi f'xi waqt tul ir-rappresentazzjonijiet, l-appellat, quddiem il-Bord, ma ressaq xi prova sodisfacenti li turi li l-uzu li sar mill-istage in kwistjoni huwa/kien sabiex jigbor persuni li ma kienux persuni pre-booked.*

*Ghaldaqstant l-esponenti, filwaqt li ggib il-fuq espost a formali konjizzjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal, u filwaqt li ssir riferenza ghax-xhieda u provi gia mressqa u tirriserva li tressaq dawk il-provi l-ohra kollha permessi lilha bil-ligi, titlob li d-decizjoni tad-19 ta' Awwissu 2013 tigi konfermata fl-intier taghha."*

Sema' x-xhieda tar-rikorrent[1], ta' Mario Borg[2], ta' Gaetano Frendo[3] u ta' George Cassar[4];

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr. Maria Azzopardi;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-Awtorita` intimata;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

---

[1] A fol. 18 sa fol.20, u a fol. 27
[2] A fol. 29 sa fol.30, u a fol. 60 sa fol. 66
[3] A fol. 33 sa fol.37
[4] A fol. 38 sa fol.44

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata li permezz ta' decizjoni datata 19 ta' Awissu 2013 infurmatu bis-segwenti:-

*"Avviz ta' Penali Amministrattiva skont Regolament 108(10) tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (L.S. 499.56)*

*Referenza tal-kaz: TM 674/2013*

*Nirreferu ghall-ispezzjoni li saret minn Ufficjal tal-Infurzar fid-29 ta' Gunju 2013 f'Tower Road, Sliema ghall-habta tal-23:55hrs fejn jirrizulta li waqt li kont bil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GMY 065 qghedt jew haddimt l-imsemmija vettura regolarment ghall-kiri.*

*L-Awtorita` dwar Trasport f'Malta jidhrilha li dan sar bi ksur tar-Regolament 42 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (L.S. 499.56).*

*Ghaldaqstant l-Awtorita` qieghda tavzak bl-intenzjoni taghha li timponi fuqek Penali Amministrattiva ta' €500 u 50 Punti ta' Penali."*

Illi **r-rikorrent** stqarr li huwa xufier tal-*mini bus*. Jghid li fil-gurnata in kwistjoni kien cempillu klijent, certu Mario Borg, biex jghaddi ghalih quddiem it-Tower Palace Hotel, tas-Sliema. Huwa jghid li meta wasal biex jigbor lill-klijent huwa waqqaf quddiem gelaterija li hemm fl-inhawi. Jghid ukoll li l-ufficjali tal-Awtorita` intimata bdew jitkellmu hazin u dan fil-presenza tan-nies li kien hemm dak il-hin.

**<u>Mario Borg</u>** stqarr illi huwa kien ilu jaf lir-rikorrent hafna zmien. Jghid li fil-gurnata in kwistjoni kien sejjer Paceville u kien hemm erba' studenti Taljani residenti gol-*hostel* li hemm fl-akwati u staqsewh fejn kien sejjer u hu qalilhom li kien sejjer Paceville u staqsewh jekk kienx hemm trasport. Hu qalilhom li kien se jirkeb mal-van u li jekk riedu setghu jirkbu mieghu. F'daqqa wahda ra ufficjal tal-Awtorita` intimata jghajjat u jitkellem hazin mar-rikorrenti. Jghid li dak il-hin hu u l-istudenti kienu diga rikbu. Jistqarr illi l-ufficjal tal-Awtortia` intimata beda jghid lir-rikorrenti li ma setghax jghabbi nies minn hemm. In kontro-ezami jghid li hu diga kien fil-van mar-rikorrent meta bdew jirkbu l-istudenti. Huwa qal li l-istudenti qabdu u fethu l-bieba tal-van huma pero` mistoqsi il-bieba setghetx infethet mir-rikorrent stante li kienet *automatic*, jghid li seta' kien hekk.

**<u>Gaetano Frendo</u>**, ufficjal tal-Awtorita` intimata, stqarr illi fil-gurnata in kwistjoni hu u l-kollega tieghu kienu qeghdin wara *bus stop* li hemm f'Tower Road, Tas-Sliema. Jghid li ra grupp ta' nies fuq il-*bus stop* meta raw van bin-numru ta' registrazzjoni GMY-065 iwaqqaf fuq l-istess *bus stop* u beda jkellem lin-nies li kien hemm u dawn bdew jitilghu fil-van. Kien ghalhekk li marru jkellmu lix-xufier fejn infurmawh li ma setghax jghabbi minn fuq il-*bus stop*. Jghid ukoll illi x-xhud Mario Borg kien diga riekeb mieghu meta r-rikorrent wasal fuq il-*bus stop*. Jispjega li l-persuni li telghu minn fuq il-*bus stop* kienu ta' nazzjonalita` barranija u li huma ma kellmuhomx. Jispjega li ghalkemm huma infurmawh li ma setghax jghabbi lin-nies imsemmija, ir-rikorrent ghabbihom xorta u telaq minn fuq il-post.

**<u>George Cassar</u>**, ufficjal tal-Awtorita` intimata, xehed illi fil-gurnata in kwisjtoni huma kienu qeghdin fuq wara ta' *stage* f'Tower Road, Tas-Sliema u ra lir-rikorrent jieqaf fuq l-*istage* u jkellem xi nies li kienu fuq l-istess *stage*. Jghid li meta marru jkellmuh ir-rikorrent qalilhom li n-nies li ghabba ma kinux fuq l-i*stage* pero` x-xhud isostni li n-nies kienu fuq l-*istage*. Jghid li r-rikorrent beda jitratta maghhom biex itellaghhom Paceville ghalkemm jammetti li ma semghux id-diskors li kien qieghed jintqal dak il-hin bejn ir-rikorrenti u l-persuni

li kienu fuq l-*istage*. Mistoqsi jekk ir-rikorrent waqafx fuq wara tal-i*stage* u mhux fuq quddiem, huwa kkonferma li r-rikorrent kien waqaf quddiem l-i*stage*. Jispjega li mar-rikorrenti kien hemm persuna ohra riekba, u dan il-persuna nizel u fetah il-bieb tal-van sabiex jitilghu il-persuni li kienu qed jistennew fuq l-imsemmi *stage*. Jghid li wara li huma kellmu lir-rikorrent dan telaq minn fuq il-post bin-nies li kienu lahqu telghu. Mistoqsi kif qieghed jghid li l-persuna li kellu hdejh ir-rikorrent nizlet tiftah il-bieba meta din kienet tinfetah b'mod awtomatiku, x-xhud wiegeb li hu rah jiftah il-bieba u li ghalhekk ma setghetx kienet tinfetah bil-mod suggerit.

Illi dan it-Tribunal josserva illi skond l-avviz li ntbaghat lir-rikorrent, huwa gie misjub hati mill-Awtorita` intimata li mar kontra r-Regolament numru 42 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 (Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggier).

Illi l-imsemmi Regolament jghid is-segwenti:-

*"**42.** (1) L-ebda vettura għall-ġarr tal-passiġġieri m'għandha titqiegħed jew titħaddem regolarment għall-kiri:*

*Iżda l-ferroviji mingħajr binarji jitħallew jistennew biex jinkrew f'post ta' tluq approvat mill-Awtorità.*

*(2) Is-servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri, ħlief is-servizzi fuq ir-rotot tat-trasport għat-turisti u s-servizzi b'ferroviji mingħajr binarji, jistgħu jinbiegħu biss minn gabbani awtorizzati, minn postijiet kummerċjali awtorizzati, mill-uffiċini tal-operatur jew miċ-ċentru minn fejn jopera l-operatur, online, bit-telefown jew bil-posta.*

*(3) L-ebda persuna m'għandha -*

*(a) tbiegħ, jew*

*(b) iġġiegħel jew tħalli lil persuna oħra tbiegħ servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri, ħlief is-servizzi fuq ir-rotot tat-trasport għat-turisti u s-servizzi b'ferroviji mingħajr binarji, bi ksur tad-dispożizzjoni tas-subregolament (2).*

*(4) Ebda persuna m'għandha tiffitta, sew jekk direttament sew jekk indirettament, persuna f'xi post biex tuża servizz ta' ġarr tal-passiġġieri."*

Illi m'hemmx kontestazzjoni illi l-vettura li kien qieghed isuq ir-rikorrent taqa' fid-definizzjoni ta' "vettura ghall-garr ta' passiggieri." L-intenzjoni tal-Legislatur wara dan il-provvediment appena citat kienet illi l-vetturi ghall-garr tal-passiggieri m'ghandhomx jitqieghdu ghall-kiri minghajr ma jkunu gew ingaggati ghal servizzi partikolari b'avviz minn qabel. Hekk perezempju ma jistghux jieqfu fit-triq u jistaqsu lill-persuni jekk ridux iwassluhom x'imkien. Il-ftehim biex jigi offrut is-servizz tal-istess vetturi jista' jsir biss minn gabbani awtorizzati, postijiet kummercjali awtorizzati, mill-ufficini tal-operatur jew mic-centru fejn jopera, jew inkella *online,* permezz tat-telefown jew bil-posta.

Illi fil-korp tar-rikors promutur ir-rikorrent isemmi li l-istudenti barranin li raw l-ufficjali tal-Awtorita` intimata **"kienu kkuntrattaw minn qabel is-servizz ta' *minibus* u ghall-konvenjenza taghhom huwa kien gabarhom minn fejn kienu talbu huma u cioe` biswit it-Tower Palace Hotel fejn incidentalment hemm *bus stop* fil-vicinanzi."** Illi mbaghad waqt id-deposizzjoni tieghu ir-rikorrent ma jsemmi xejn dwar din ic-cirkostanza ta' kif ghabba lil dawn l-istudenti. Isemmi biss li kellu jghabbi lil Mario Borg li kien cempillu minn qabel biex jghaddi ghalih fejn il-gelaterija. Illi pero`, Mario Borg, xhud prodott mill-istess rikorrent, qal **"jien kont sejjer u kumbinazzjoni kien hemm erba' studenti Taljani minn din il-hostel u qaluli fejn sejjer u ghidtilhom li sejjer Paceville u qaluli hawn trasport, ghidtilhom jiena se nirkeb mal-vann, jekk tridu tirkbu irkbu imma ma sfurzajthomx u gew u rikbu."**[5]

Illi jirrizulta b'mod mill-aktar car illi dak imnizzel fir-rikors promutur u dak mistqarr mix-xhud Mario Borg huwa ghal kollox differenti. Filwaqt li fir-rikors

[5] Ara x-xhieda ta' Mario Borg a fol. 29 u 30 tal-process

promutur gie dikjarat illi l-istudenti kienu kkuntrattaw lir-rikorrent minn qabel, Mario Borg jistqarr illi kien hu li qalilhom li jekk riedu setghu jitilghu mieghu lejn Paceville. Illi mbaghad min-naha l-ohra, hemm il-verzjoni taz-zewg ufficjali tal-Awtorita` intimata li jghidu li raw lir-rikorrent iwaqqaf fuq l-i*stage* u beda jrikkeb lil dawn il-persuni. Illi dan it-Tribunal ma jsib l-ebda raguni ghaliex m'ghandux jistrieh fuq il-verzjoni moghtija mill-ufficjali tal-Awtorita` intimata. Min-naha l-ohra, it-Tribunal, iqis il-verzjoni tar-rikorrenti bhala frugali hafna, nieqsa ghal kollox minn spjegazzjoni plawsibbli dwar it-tlugh tal-istudenti fil-van tieghu. Iktar minn hekk, il-kaz tar-rikorrent jiehu daqqa 'l isfel bid-deposizzjoni ta' Mario Borg minn fejn jirrizulta li l-istudenti zgur li ma kinux ikkuntrattaw lir-rikorrent minn qabel biex imorru Paceville ghaliex skond hu iltaqa' maghhom fl-akwati ta' fejn sehhew ic-cirkostanzi in kwistjoni. Illi di piu` it-Tribunal iqis stramb hafna li grupp ta' studenti barranin imorru fuq persuna li ma jafuhx u jistaqsuh fejn sejjer. Ghalhekk, it-Tribunal jemmen li l-affarijiet graw kif stqarrew l-ufficjali tal-Awtorita` intimata, ghalkemm jirravviza nuqqas kbir da parti tal-istess ufficjali li tal-inqas ma kellmux lill-persuni li raw jitilghu fil-van tar-rikorrent sabiex jiehdu l-verzjoni taghhom. It-Tribunal huwa tal-fehma illi wara li r-rikorrent tella' lil Mario Borg fil-van tieghu minn hdejn il-gelaterija li hemm fl-akwati, huwa waqqaf fuq il-*bus stop* li hemm f'Tower Road, Tas-Sliema u staqsa lill-persuni li kienu qed jistennew hemm fejn riedu jmorru u akkorda maghhom biex iwassalhom fejn riedu huma.

Illi ghalhekk, dak li ghamel ir-rikorrent effettivament imur kontra dak li jiddisponi Regolament 42 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 u cioe qieghed il-*mini bus* tieghu ghall-kiri meta issollecita numru ta' persuni biex jitilghu mieghu u johodhom fid-destinazzjoni li riedu huma. Illi finalment, it-Tribunal jaghmel referenza ghad-diversi battibekki bejn il-partijiet jekk ir-rikorrent ghabbiex jew le lill-istess persuni minn fuq il-*bus stop*. Illi t-Tribunal jirrileva illi kien fejn kien ir-rikorrent huwa rrilevanti. Il-ksur tar-Regolament 42 jiskatta appena xufier ta' vettura ghall-garr ta' passiggieri jieqaf biex ibiegh is-servizzi tieghu lil persuni li ma jkunux ikkuntrattawh minn qabel bil-mod kif imsemmi fl-istess Regolament.

Illi, ghaldaqstant, dan it-Tribunal ma jsibx li l-appell tar-rikorrent mid-decizjoni tal-Awtorita` intimata huwa wiehed gustifikat u ghalhekk qieghed jikkonferma l-istess decizjoni fit-totalita` taghha.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata, jichad l-appell imressaq mir-rikorrent kontra d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 19 ta' Awissu 2013.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------